

## 1 - Kif tikseb parir legali

### Bilfors irid ikolli avukat?

Inti jrid ikollok avukat waqt il-proċedura ta' qabel il-proċess quddiem il-qorti kriminali mill-mument meta jkollok l-opportunità li teżamina l-proċess kriminali (ara l-[Iskeda Informattiva 2](#)). Qabel dan l-istadju, inti jrid ikollok avukat fil-każijiet li ġejjin:

- jekk inti kont minorenni meta twettaq id-delitt;
- jekk ma tistax tiddefendi lilek innifsek minħabba diżabbiltà fiżika jew mentali, jew jekk id-difiża tkun ikkumplikata għalik minħabba diżabbiltà bħal din;
- jekk tkun issuspettat li wettaq delitt li għalih tista' tingħata sentenza ta' għomor il-ħabs;
- jekk il-każ tiegħek jidhrol f'kunflitt mal-każ ta' persuna oħra li jkollha avukat difensur;
- jekk inti tkun ilek miżmum f'kustodja għal mill-inqas sitt (6) xhur;
- jekk il-każ tiegħek ikun qed jinstema' fi proċedura sommarja.

Irid ikollok avukat waqt il-proċess quddiem il-qorti kriminali. Il-parteciġazzjoni tal-avukat fil-proċess quddiem il-qorti kriminali hija obbligatorja.

#### Kif issib avukat

Inti għandek id-dritt li tagħżel l-avukat tiegħek li, bi qbil, jirrappreżentak fuq il-bażi ta' kuntratt. L-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-avukati huma disponibbli fuq il-paġna ewlenija tal-[Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana](#).

Jekk ma jkollok l-ebda avukat fuq il-bażi ta' kuntratt, jew jekk l-avukat tiegħek ma jistax jirrappreżentak, inti għandek id-dritt li titlob li jinħatarlek avukat. F'dan il-każ, l-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana taħtar avukat sabiex jirrappreżentak.

Id-dritt tiegħek li jkollok avukat maħtur għalik mill-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana ma jiddependix mis-sitwazzjoni ekonomika tiegħek. Ma hemmx għalfejn tiżvela dettalji dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek meta tagħmel talba għal avukat.

Jekk trid li jinħatarlek avukat mill-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana, inti trid tressaq talba quddiem l-aġenzija investigattiva, il-prosekuzzjoni jew il-qorti.

F'ċerti proċedimenti, il-parteciġazzjoni tal-avukat hija obbligatorja. Jekk fi proċedura bħal din, inti ma tkunx għażilt avukat għalik innifsek, l-aġenzija investigattiva, il-prosekuzzjoni jew il-qorti taħtar wieħed għalik. Ma hemmx għalfejn tressaq talba għal avukat.

### Kif jitħallas l-avukat

Inti trid tħallas lill-avukat li tkun għażilt int. Id-drittijiet tal-avukat u l-kundizzjonijiet tal-ħlas ikunu inklużi fil-kuntratt li jiġi stipulat mal-klijent.

Jekk ma tridx tqabba avukat inti, għandek id-dritt li jkollok avukat ipprovdut mill-Istat. L-avukat, li jinħatar mill-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana, jitħallas mill-Istat. Ma għandekx għalfejn tħallas lill-avukat. Jekk il-qorti ssibek ħati, inti tkun obligat tirrimborża d-drittijiet tal-avukat lill-Istat .

## Nista' nbiddel l-avukat tiegħi?

Inti għandek id-dritt li tbiddel lill-avukat li tkun għażilt. Jekk inħatarlek avukat, inti għandek id-dritt li tbiddel lill-avukat jekk ikun hemm qbil bejn l-avukat oriġinali u l-avukat il-ġdid. Jekk l-avukat maħtur għalik kien inkompetenti jew traskurat, inti għandek id-dritt li tressaq talba quddiem il-qorti biex dan jitneħħa u jinħatar avukat ġdid mill-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana.

### Links relatati

[L-Assoċjazzjoni tal-Avukati Estonjana](#)

■ L-aħħar aġġornament: 19/11/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.